**Kunsill Lokali L-Imġarr**

22, Triq Sir Harry Luke, L-Imġarr, MGR 1501, Malta
mgarr.lc@gov.mt - ***www.mgarrlc.com***

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imġarr

## Is-Seba' Leġislatura, Laqgħa numru 76

## Nhar l-Erbgħa 17 ta' Ottubru 2018, fil-5:00pm

Il-Kunsill Lokali ta' l-Imġarr issejjaħ fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f' 22, Triq Sir Harry Luke, l-Imġarr, sabiex jiltaqa' għall-Laqgħa tal-Kunsill numru 76 tas-Seba' Leġislatura, nhar l-Erbgħa 17 ta' Ottubru 2018, fil-5:00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**
Paul Vella – Sindku
Mario Sammut – Kunsillier
Elia Borg - Kunsillier

**ASSENTI B' APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)**
Eman Vella – Deputat Sindku
Clayton Gauci - Kunsillier

**ASSENTI**
Hadd

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**
Cyprian Dalli - Segretarju Eżekuttiv

**PUBBLIKU**
Hadd

**---- MINUTI -----**

i. Il-laqgħa bdiet fis-5:28pm.

ii. Il-laqgħa kienet preseduta mis-Sindku, Paul Vella.

iii. Il-laqgħa xxandret dirett fuq il-paġna elettronika tal-Kunsill permezz tas-sistema tal-live-streaming.

iv. L-Aġenda tmexxiet fuq l-Aġenda segwenti :

76.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
76.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
76.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku;
76.4 Korrispondenza
76.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
76.6 Rapporti;
76.7 Temi oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;
76.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' l-Iskeda tal-Pagamenti;
76.9 Mozzjonijiet;
76.10 Xogħlijiet fl-Imġarr fix-xhur li ġejjin;
76.11 Rendikont tal-aħħar laqgħat ma' Transport Malta;
76.12 Proposti tar-Reġjun Tramuntana;
76.13 Tmiem tal-Laqgħa u data tal-Laqgħa li jmiss
TMIEM

**76.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

76.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li kien irċieva żewġ noti ta' apoloġija għal din il-laqgħa, mingħand id-Deputat Sindku Eman Vella u mingħand il-Kunsillier Clayton Gauci, li ma setgħux jattendu għal din il-laqgħa.

76.1.1.i Il-Kunsill qabel unanimament li jaċċetta dawn in-noti u għalhekk kemm Eman Vella u kemm Clayton Gauci ser jitniżżlu bħala assenti b' apoloġija.

**76.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti.**

76.2.1 Il-Minuti ġew mibgħuta lill-membri tal-Kunsill minn qabel, u għaldaqstant ġew meqjusa moqrija u ġew approvati kif ippreżentati u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

**76.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

76.3.1 Is-Sindku semma' li flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kellu laqgħat ma' Transport Malta dwar il-problemi ta' Triq il-Kbira. Waqt dawn il-laqgħat ġie mifthiem li jsir linja safra minn ġdejn il-United Bar & Restaurant 'il ġewwa, filwaqt li n-naħa l-oħra isiru 'parking bays'. Ġie maqbul ukoll li l-biċċa ta' taħt is-siġar tiġi rranġata, bil-bankina tersaq 'il ġewwa mal-linja tal-bini u jsiru numru ta' parkeġġi bejn il-bankina u it-triq. Il-Kunsill qabel ma' dawn il-proposti u Transport Malta ser

jiġu magħra b' dan filwaqt li tintbgħatilhom ukoll pjanta ta' kif ser ssir il-biċċa ta' taħt is-siġar.

**76.4 Korrispondenza**

76.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq diversi Memos, Ċirkolarijiet u korrispondenzi oħra mil-entitajiet governattivi, fosthom id-DLG, l-AKL u l-Awtorita' tal-Ippjanar.

76.4.2 Il-Kunsill ġie mgħarraf li l-Imġarr kien ser ikollu Kappillan ġdid.

**76.5.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

76.5.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-Kunsilliera għal din il-laqgħa.

**76.6 Rapporti**

766.1 Ma kienx hemm rapporti waqt din il-laqgħa.

**76.7 Temi oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa**

76.7.1 il-Kunsill iddiskuta id-dekorazzjoni tat-toroq fi' żmien il-Milied. Ġie deċiż li dan is-servizz isir mill-kuntrattur Caruana Light Decor bħal l-aħħar snin. Id-dwal tal-milied għandhom jinxtegħlu mhux aktar tard mit-8 ta' Diċembru u jitħallew sas-6 ta' Jannar 2019.

**76.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti**

76.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq l-iskeda tal-pagamenti numru 11 li kienet tammonta għall-Ewro 33, 661.15.

75.8.2 Din l-iskeda ġiet approvata unanimament.

**76.9 Mozzjonijiet**

76.9.1 Il-Kunsill iddiskuta mozzjoni dwar l-imanniġjar tal-Victoria Lines biex din taqa' għand ir-Reġjun Tramuntana, f' isem il-Kunsilli relatati. Il-Kunsill iddiskuta u qabel unanimament ma' din il-proposta.

**76.10 Xogħlijiet fl-Imġarr fix-xhur li ġejjin**

76.10.1 Is-Sindku kompla jelabora dwar il-proġett ta' Triq l-Alwiża. U semma li l-Kunsill kien jista' jagħmel maħżen f' dan is-sit biex jintuża kemm mill-kunsill u kemm min-nursery tal-football peress li sist kien biswit il-ground. Meta dan il-proġett ikun ser jinbeda', kien hemm bżonn li tintalab 'change of alignment' kif ukoll devoluzzjoni ta' dan is-sit, biex ikun jista' jitkabbar il-bandli esistenti.

76.10.2 Kien hemm il-ħsieb ukoll li tiġi studjata il-possibilta' li jsir gym fuq il-garaxxijiet ta' Triq l-Amarozz.

76.10.3 Hemm il-ħsieb li l-ispazji vojta li hemm lejn Triq Ganfra jinbidlu f' zona ta' eżerċizzju fiżiku bħala outdoor gyms.

**76.11 Rendikont tal-aħħar laqgħat ma' Transport Malta**

76.11.1 Ġiet diskussa aktar 'il quddiem. Ara 76.3.1

**76.12 Proposti tar-Reġjun Tramuntana**

76.12.1 Ġiet diskussa proposta tar-Reġjun Tramuntana sabiex il-Kunsill jikkommetti ruħu biex jgħin finanzjarjament edizzjoni oħra tal-International Folk Festival. Il-Kunsill ra li minħabba il-valur kulturali li fih dan il-festival u fuq il-kummenti pożittivi li kien hemm għalih mir-

residenti, seta' jikkommetti ruħu li jgħin finanzjarjament dan il-proġett tar-Reġjun.

76.12.2 Il-Kunsill iddiskuta wkoll proposta tar-Reġjun Tramuntana dwar il-bring in sites. Il-Kunsill ra u qabel li l-aħjar sistema tkun li l-iskart jinġabar f' depositi apposta taħt l-art biex hekk titwaqqaf kemm id-dehra kif ukoll l-inkonvenjenti għar-residenti. Ir-Reġjun se jkun mgħarraf b' dan.

**76.13 Tmiem tal-Laqgħa u data tal-Laqgħa li jmiss**

76.13.1 Il-Laqgħa ntemmet fis-7:01pm.

76.13.2 Il-Laqgħa numru 77 tal-Kunsill issejħet għal-nhar l-Erbgħa, 14 ta' Novembru 2018, fil-5:00pm, fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali ta' l-Imġarr.

*Paul Vella*
***Sindku***

*Cyprian Dalli*
***Segretarju Eżekuttiv***